MALTA

# QORTI CIVILI

## PRIM' AWLA

### ONOR. IMHALLEF

### JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tal-21 ta' April, 2014

Rikors Numru. 48/2014

Karmena **CALLUS**, Josephine *sive* Joyce Fenech Borġ, Josephine Cassar, John Merċieca, Philip *sive* Pinu Merċieca f'ismu proprju u f'isem l-assenti Peter Merċieca, Saviour Farruġia u Josephine Mifsud

vs

Dione **CASSAR** u Charmaine Falzon

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq mill-eżekutat Dione Cassar (aktar ’il quddiem imsejjaħ “l-eżekutat”) fil-21 ta’ Jannar, 2014, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, talab li (i) din il-Qorti tħassar il-Mandat ta’ Sekwestru fuq imsemmi għall-finijiet tal-artikolu 836 tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili; u (ii) f’każ li l-Qorti ma ssibx li għandha tilqa’ l-ewwel talba, torbot lill-istess eżekutanti biex iressqu garanzija xierqa għall-finijiet tal-artikolu 838A tal-istess Kodiċi biex tagħmel tajjeb għad-danni li l-eżekutat se’ jkun ġarrab bil-ħruġ tal-Mandat, u biex fil-każ li l-imsemmija intimati eżekutanti jonqsu li jressqu l-garanzija fiż-żmien lilhom mogħti, jitħassru l-effetti kollha tal-Mandat;

Rat id-degriet tagħha tal-4 ta’ Frar, 2014, li bih ordnat in-notifika lill-intimati eżekutanti bi żmien għan-Nota bħala tweġiba għat-talbiet tal-eżekutat;

Rat in-Nota mressqa mill-intimati eżekutanti kollha (aktar ’il quddiem imsejħin “l-eżekutanti”) fis-26 ta’ Marzu, 2014, li biha u għar-raġunijiet hemm minnhom imsemmijin qalu li ma hemm l-ebda raġuni tajba għaliex it-talbiet tal-eżekutat jmisshom jintlaqgħu u dan għaliex jisħqu li kellhom kull jedd, fil-kwalita’ tagħhom ta’ werrieta ta’ Spiridione Fenech, li jitolbu l-ħruġ tal-Mandat b’ħarsien tar-rabta tal-eżekutat (solidalment flimkien ma’ ħaddieħor) għall-ħlas tad-dejn li huwa kellu mal-istess Spiro Fenech. Jiċħdu wkoll li hemm xi raġuni tajba għaliex għandhom jagħmlu tajjeb lejh bil-ħruġ ta’ xi garanzija min-naħa tagħhom biex il-Mandat kawtelatorju jinżamm fis-seħħ;

Rat l-atti kollha tar-rikors u tal-Mandat li għalih jirreferi;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija proċedura taħt l-artikolu 836(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta għat-tħassir ta' Mandat kawtelatorju. Minbarra dan, l-eżekutat qiegħed jitlob ukoll li l-Qorti tikkundanna lill-eżekutanti intimati biex, f'każ li l-Qorti ma tilqax it-talba tiegħu għat-tħassir tal-Mandat imsemmi, li l-istess eżekutanti jkunu marbuta li jagħtu garanzija xierqa għall-finijiet tal-artikolu 838A, u, f'każ li jonqsu li jagħmlu dan fiż-żmien mogħti lilhom, il-Qorti għandha tordna li l-Mandat jitħassar;

Illi mill-<u>fatti ewlenin rilevanti għall-kwestjoni</u> jirriżulta li l-eżekutat u waħda Charmaine Falzon, li l-eżekutat kien joħroġ magħha (u li kontriha wkoll inħareġ il-Mandat), kienu sselfu flus *brevi manu* mingħand wieħed Spiridione Fenech u b'kitba privata magħmula f'Jannar tal-2011[1], kienu iddikjaraw li t-tnejn flimkien kienu midjunin lejh solidalment fis-somma ta' dsatax-il elf tmien mija u żewġ euro u wieħed u disgħin ċenteżmi (€ 19,802.91) u ftiehmu li jħallsuh lura dik is-somma f'rati ta' mija w sittin euro (€ 160) l-waħda kull xahar. Fenech, li kien għażeb, miet ix-xahar ta' wara li saret l-imsemmija kitba u l-eżekutanti huma l-werrieta maħtura minnu fit-testment tiegħu tat-18 ta' Mejju tal-2009[2]. L-eżekutat jiġi iben waħda min-neputijiet ta' Spiridione Fenech, Frances Cassar li hija waħda mill-werrieta tiegħu, imma ma kenitx fost dawk li ħarġu l-mandat mertu ta' din il-proċedura[3];

Illi fil-11 ta' Mejju tal-2012, saret kitba privata bejn Frances Cassar, Filippa Bonniċi u l-eżekutanti Josephine Mifsud u Karmena Callus min-naħa l-waħda u bejn l-eżekutat u Charmaine Falzon min-naħa l-oħra, li biha qablu li kull obbligu li ntrabtet bih Charmaine Falzon fil-kitba ta'

[1] Dok "A", f'paġġ. 10 – 1 tal-atti
[2] Dok "B", f'paġġ. 12 – 4 tal-atti
[3] Fil-fatt, minn fost il-werrieta kollha maħtura minn Spiro Fenech fit-testment tiegħu, kienu biss Frances Cassar (omm l-intimat eżekutat) u oħtha Pina (Filippa) Bonniċi li ma talbux il-ħruġ tal-Mandat

Jannar 2011 ma’ Spiridione Fenech tgħaddi fuq l-eżekutat fir-rigward ta’ dak id-dejn jew dak li kien għad fadal minnu;

Illi fis-6 ta’ Diċembru, 2013, l-eżekutanti talbu w kisbu l-ħruġ tal-Mandat ta’ Sekwestru kawtelatorju kontra l-eżekutat u kontra Charmaine Falzon għas-somma ta’ tlettax-il elf erba’ mija u tmintax-il euro u tlieta u ħamsin ċenteżmi (€13,418.53) b’ħarsien tal-pretensjoni “ta’ sehem l-esponenti mill-bilanċ tas-self mogħti lis-sekwestrati minn Spiridione Fenech” fil-kitba li kienet saret f’Jannar tal-2011. Il-Mandat inħareġ lil ħames sekwestratarji, erbgħa minnhom banek kummerċjali, li laqgħu n-notifika dak inhar li nħareġ il-Mandat;

Illi għal dak li jirrigwarda l-<u>konsiderazzjonijiet ta’ dritt</u> jibda biex jingħad li minkejja li r-rikorrent eżekutat qiegħed jitlob it-tħassir tal-Mandat, ma jsemmi l-ebda waħda mis-sitt kawżali li jaħseb fihom l-artikolu 836(1) tal-Kap 12. Mill-kliem tal-liġi, jidher li huwa meħtieġ li meta persuna tressaq rikors għat-tħassir ta’ Mandat kawtelatorju maħruġ kontra tagħha, din għandha tgħid għal liema raġuni tkun qegħda titlob li dan isir. Dawk ir-raġunijiet jistgħu jkunu aktar minn waħda, imma dejjem iridu jkunu jaqgħu fil-kategorija tas-sitt ċirkostanzi tassattivi li jissemmew fl-artikolu 836(1) tal-Kodiċi tal-Proċedura. Nuqqas bħal dan tqies mill-Qrati tagħna li jkun “fatali għat-talbiet tal-istess rikorrent”[4]. Il-Qorti tifhem u temmen bis-sħiħ li jkun biżżejjed għas-siwi tar-rikors li l-kliem użat mir-rikorrent ikun sostanzjalment jaqbel mal-kliem misjub fid-dispożizzjonijiet tal-artikolu 836(1), ukoll jekk ir-rikors ma jiċċitax espressament l-istess dispożizzjonijiet, u dan b’ħarsien ukoll tar-regola li wieħed għandu jħares u jimmira aktar li jagħmel ħaqq milli jintilef f’formaliżmu żejjed. Iżda lil hinn minn hekk, m’għandu qatt jinftiehem li l-ilment ta’ rikorrent kontra l-ħruġ kontrih ta’ Mandat kawtelatorju jista’ jiġi implikat b’xi analoġija jew taħlita ġenerika li ma tissarrafx f’ċirkostanzi waħda jew aktar minn dawk imsemmija fl-artikolu rilevanti;

[4] Ara, per eżempju, P.A. RCP **10.5.2001** fl-Atti tar-Rikors fl-ismijiet ***Joseph Camilleri et vs Anthony Gove’ et***

Illi l-eżekutat jgħid li l-Mandat ma jiswiex u huwa null fil-forma tiegħu għaliex ma jitħarisx dak li jitlob l-artikolu 831(1)(a) tal-Kap 12 ladarba l-eżekutanti la jsemmu mnejn joħroġ il-kreditu pretiż minnhom u lanqas ix-xorta tad-dejn li hu suppost għandu lejhom. Isemmi wkoll in-nullita' minħabba li mal-Mandat ma tressqitx kopja ta' dokument li jixhed il-kreditu;

Illi l-Qorti tqis li dan l-ilment tal-eżekutat ma jaqa' taħt l-ebda waħda mis-sitt kawżali maħsuba fl-artikolu 836(1), lanqas dik taħt il-kawżali tal-artikolu 836(1)(b) tiegħu, ladarba huwa jgħid li l-Mandat ma kienx jiswa "*ab initio*", filwaqt li s-sub-inċiż (b) jitkellem dwar xi ħtieġa tal-ħruġ tal-Mandat li "ma tkunx għadha fil-fatt teżisti";

Illi minbarra dan, kif tajjeb jgħidu l-eżekutanti, mkien ma huwa mitlub fil-liġi li l-kreditur eżekutant ta' Mandat kawtelatorju irid tabilfors iressaq ukoll xi dokumenti li juru jew isaħħu t-talba. Dak li titlob il-liġi huwa li r-rikorrenti, bil-ġurament tiegħu, jsemmi x'inhu l-oriġini tad-dejn u, ladarba l-pretensjoni hija dwar dejn jew talba li tkun sodisfatta bi ħlas ta' ammont ta' flus, "l-ammont li għalih tammonta t-talba"[5]. Dawn iż-żewġ voti twettqu mill-intimati eżekutanti fil-Mandat mertu ta' din il-proċedura;

Illi meqjusa dawn iċ-ċirkostanzi kollha, għalhekk, il-Qorti ma tarax fejn hu tabilħaqq in-nuqqas li jilmaħ l-eżekutat u anqas u anqas ma tara raġuni għaliex għandha tordna t-tħassir tal-mandat maħruġ kontrih minħabba dak l-ilment;

Illi għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti ssib li r-rikorrent eżekutat ma seħħlu jagħtiha l-ebda raġuni tajba għaliex il-Mandat għandu jitħassar;

[5] Art. 831(1)(b) tal-Kap 12

Illi r-rikorrent eżekutat talab ukoll ir-rimedju alternattiv għat-tħassir tal-Mandat ta' Sekwestru taħt eżami bl-għoti tal-garanzija maħsuba fl-artikolu 838A tal-Kodiċi.;

Illi dwar il-kwestjoni tal-għoti tal-garanzija mill-intimati eżekutanti, f'dan ir-rigward, ir-rikorrent eżekutat ma jsemmi l-ebda raġuni speċifika għaliex qiegħed jitlob dan ir-rimedju. Hu jorbotha biss mal-fatt li jekk kemm-il darba t-talba tiegħu għat-tħassir tal-Mandat ma tintlaqax, allura l-eżekutanti, jew min minnhom, imisshom jagħmlu tajjeb għad-danni li hu jista' jġarrab kemm idum fis-seħħ il-Mandat;

Illi, min-naħa tagħhom, l-eżekutanti jiċħdu li hemm raġuni tajba għaliex il-Qorti jmissha torbothom bl-għoti tal-garanzija mitluba, iżjed u iżjed meta kulma għamlu kien li jikkawtelaw il-pretensjonijiet tagħhom kontra d-debituri tal-awtur tagħhom, liema pretensjonijiet huma dedotti f'kawża li fethu kontra l-eżekutat dak inhar li nħareġ il-Mandat[6];

Illi l-liġi trid li lill-Qorti tintwera "kawża ġusta" biex twassalha tqiegħed fuq il-parti eżekutanti ta' Mandat kawtelatorju l-piż li toffri garanzija tajba. Il-fatt waħdu li jkun inħareġ il-Mandat ma jitqiesx bħala "kawża ġusta" għall-finijiet ta' dan l-artikolu[7]. Irid ikun hemm raġunijiet oħrajn, iżjed serji u impellenti, li jwasslu lill-Qorti tagħti dik is-sanzjoni;

Illi ngħad ukoll li d-danni li għalihom jirreferi l-artikolu taħt eżami huma dawk li l-intimat eżekutant jista' jipprova li jkun ġarrab direttament minħabba l-ħruġ tal-att kawtelatorju[8], u dment li jikkonkorru l-elementi mitluba mil-liġi għal tali likwidazzjoni. Minbarra dan, jidher li fejn persuna ntwera li kellha raġunijiet tajba biex toħroġ Mandat kawtelatorju u l-istess Mandat la kien eċċessiv, la fieragħ u lanqas vessatorju, għaldaqstant ma

[6] Rik. Nru. 1170/13JRM imħolli għall-provi attriċi għat-22.5.2014
[7] Ara P.A. TM **4.10.2002** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Paul Caruana vs Rudolphe Gaerty***
[8] Ara P.A. GC **2.3.2001** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Avukat Vincent Falzon noe vs Alex Sullivan***

jitnisslux raġunijiet la għall-kundanna għall-ħlas ta’ penali u lanqas għad-danni[9] minħabba l-istess Mandat;

Illi l-Qorti tasal għall-fehma li f’dan il-każ ma ntwera li hemm l-ebda raġuni ġusta li twassalha biex torbot lill-eżekutanti, jew lil xiħadd partikolari minn fosthom, biex iressqu l-garanzija mitluba mir-rikorrent eżekutat;

Illi għalhekk, lanqas din it-tieni talba tal-eżekutat ma jixraq li tintlaqa’;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tipprovdi dwar it-talbiet tar-rikorrent eżekutat Dione Cassar billi:

**Tiċħad it-talbiet** tiegħu għaliex mhumiex mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt, billi ma ngħatat l-ebda raġuni tajba għaliex il-Qorti jmissha tħassar il-Mandat u billi lanqas jeżistu l-elementi biex timponi s-sanzjoni l-oħra mitluba minnu kontra l-eżekutanti jew xiħadd minnhom; u

**Tordna** li r-rikorrent eżekutat **iħallas l-ispejjeż** ta’ din il-proċedura.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[9] Ara P.A. TM **18.9.2002** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***John Żarb vs Port Cottonera Ltd.***